**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA U GĦOXRIN**

**30 ta' LULJU, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Vincent Marmara, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Dr Claudio Zammit, is-Sur Dino Bonnici avżaw li ma setgħux jattendu minħabba x-xogħol tagħhom. **Dok 1.**
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**28.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

28.1.1 Fir-rigward ta' punt 27.3.1 il-Kunsillier Joseph D'Amato talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinbeda x-xogħol fuq il-kalendarju għas-sena 2015.

Kien hemm qbil li x-xogħol jinbeda.

28.1.3 Il-minuti ta' seduta 27 ġew approvati.

***28.2*** ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra***

28.2.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li waqt is-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kien hemm qbil li fil-Kunsill titressaq proposta biex il-Kunsill bl-għajnuna tal-Green Pak jerġgħu joħorġu notifika f'kull dar li l-iskart tal-borża s-sewda qed jinġabar it-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ġimgħa u s-Sibt biss. Hu żied jgħid li ħafna residenti għadhom joħorġu l-iskart it-Tlieta u l-Ħamis u anke jitpoġġew viċin il-Bring in Site, tant li dawn spiċċaw ħadd ma jridhom. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li l-Kunsill għandu jgħamel avviż ukoll fuq l-artal waqt il-quddies tal-Ħadd. Kien hemm qbil fuq dan. Hu informa ukoll li llum Green Pak gabet konsenja pakketti ta' boroż għar-reċiklaġġ, li minn għada ser jitqassmu bieb bieb.

28.2.2 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 1 u 2 ġew approvati.

**28.3** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani u Żgħażagħ u Edukazzjoni u Anzjani**

28.3.1 Għal din is-seduta ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

**28.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti tar-Reġjun Nofsinhar u Gal Xlokk***

28.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 9 u tal-Gal Xlokk numru 46.

***28.4*** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***

28.4.1 Is-Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun ġew infurmati li ser jingħataw magna tat-tħaddiem tal-qalb li tista tintuża waqt xi inċident. Hu qal li ser ikun hemm laqgħat għar-residenti u għaqdiet biex jiġu nfurmati kif titħaddem tali magna.

Is-Sindku ssuġġerixxa li tali magna tinżamm fl-għassa tal-Pulizija għax minn hemm tkun tista tintlaħaq faċilment minn kulħadd minħabba li l-għassa tkun miftuħa 24/7.

Kien hemm qbil fuq dan.

28.4.2 Is-Sindku informa ukoll li waqt laqgħa li għaliha attendiet il-Viċi Sindku Rita Grima, r-Reġjun Nofsinhar informa li ser jagħti inċentiv lill-Kunsilli Lokali fuq CCTVs. Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma min hu

kkonċernat, sabiex il-Kunsill juri l-approvazzjoni ta' aktar CCTVs fil-lokal.

28.4.3 Kien hemm qbi li l-Kunsill jerġa jikteb lil Transport Malta fuq parkeġġ bil-ħin f'Misraħ Repubblika.

28.4.4 Il-Viċi Sindku Rita Grima daħlet għas-seduta f'dan il-ħin (18:55)

28.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill wasal biex iġedded il-polza tal-assigurazzjoni mal-Island Insurance Brokers. Kien hemm qbil li din tiġġedded u jsir it-tibdil meħtieġ hekk kif indikalna l-awditur fl-aħħar *management letter.*

28.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li b'referenza għat-tender PYF67/01/14 – manutenzjoni tal-playing fields, fejn hi talbet linja gwida lid-Dipartimnent tal-Gvern Lokali fuq jekk il-Kunsill jistax jaqsam it-tender lil kumpaniji differenti biex jakwista l-aħjar prezz għax-xogħol, id-Dipartiment wieġeb b'email datata 11/07/2014 – 'ġaladarba din il-klawsola ma tniżlitx fid-dokument tat-tender il-Kunsill ma jistax jaġġudika l-offerta lil aktar minn kuntrattur wieħed.'

Minn informazzjoni li kellha l-istess Segretarju Eżekuttiv, Kunsill partikolari, qasam tender lill-kuntratturi diversi fuq sit wieħed ta' playing field u dan infurmat bih lid-Dipartiment, imma ma rċeviet l-ebda risposta ta' dan.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-Kumpanija Forestals bl-intenzjoni, li l-Kunsill lest li jkompli bil-proċess ta' din it-tender, jekk din il-kumpanija li hi l-orħos globalment imma mhix l-orħos f'kull sit, taqbel li l-Kunsill jgħati x-xogħol lill-kumpaniji li kkwotaw l-orħos fuq siti diversi u mhux globalment. Jekk tali kumpanija ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kunsill ikun lest li ma jaċċettax l-offerti u joħroġ sejħa għall-offerti ġodda.

28.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qed tirċievi ħafna ilmenti li l-bankina ta' bejn il-każin tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV fi Triq il-Kbira u l-ħanut tal-pastizzi fi Triq P P Saydon qedgħa tiżloq ħafna, tant li ta sikwiet jaqgħu n-nies fiha. Hi ġabet stima mingħand il-kuntrattur li ħadimha (Silvar Constructions) biex issir il-manutenzjoni meħtieġa. L-istima hi ta' €12 –il metru. Kien hemm qbil li x-xogħol jiġi ordnat u li l-kulur tal-bankina jibqa dak eżistenti.

28.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ritratti ta' żewġ ilmenti fuq *refresh* ta' sinjali tat-traffiku:

- *refresh ta' reserved parking* fi Triq Carmelo Caruana – ma kienx hemm qbil li din issir minħabba li għadha tidher tajjeb ħafna.
- Titkabbar *bay safra* quddiem garaxx ta' numru 5 fi Triq

Arthuru Dimech u titnaqqas *parking bay.* – Ma kienx hemm qbil fuq dan

F'dan il-ħin il-Kunsillier Vincent Marmara daħal fis-seduta (19:15)

28.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ talbiet li għamlet is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM:

- permess biex jitħaffru 3 ħofriet fi Triq Santu Formosa biex jitwaħħlu arbli tal-festa. – Kien hemm qbil li jingħata l-permess bil-kundizzjoni li jinżammu responsabbli għall-ħsarat li jsitgħu jsiru fil-bankina/triq.
- Biex fanal ornamentali mwaħħal mal-faċċata tal-każin jitwaħħal f'post alternattiv. – Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li ma nstabx post alternattiv u minħabba li fil-misraħ ma jkunx hemm dawl suffiċenti jekk dan jitneħħa.

28.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-ġbir ta' skart issa jista jiġi ffirmat mill-1 ta' Awwissu, 2014 minħabba li skada ż-żmien li wieħed setgħa jerġa jappella. Kien hemm qbil fuq dan.

28.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li għamel sid ta' ħanut fi Triq Stefano Zerafa biex joħroġ 'kiddie ride' 'l barra mill-ħanut tiegħu.
Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil li jingħata l-permess minħabba dawn ir-raġunijiet:

- Bankina ma tistax tiġi ostakolata
- fil-viċinanzi hemm familja b'mard u b'diżabilita' u l-ħsejjes tal-mużika ta' din il-*kiddie ride* ikun ta' inkonvenjent kbir għaliha waqt il-ħinijiet tal-mistrieħ.
- Jekk issir taħt il-bankina – din tnaqqas parkeġġ għall-vetturi u jkollha *cable* għaddej fuq il-bankina li jista jkun perikoluż.
- Sid il-ħanut għandu post fejn ipoġġi tali *kiddie ride* fil-propjeta tiegħu, kif qed titħallha bħalissa.

***28.5 Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti: 1. Tender for the supply of printed material, 2. Tender for the printing and supply of letterheads, complimentary slips, envelopes, business cards and receipt books for the Zurrieq Local Council***

28.5.1 Minħabba li ż-żewġ tenders imsemmija waslu biex jiskadu, l-Kunsill qabel li joħroġ sejħa fuq iż-żewġ każi.

***28.6 Tiġdid ta' Kuntratt: Upkeep and maintenance of Access Roads and Access only and pedestrian streets - Patching***

28.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender imsemmi wasal biex jerġa jiġġedded, jekk il-Kunsill jaqbel.

Ma kienx hemm qbil li tali kuntratt jerġa jiġġedded minħabba n-nuqqasijiet li kellha l-Kumpanija Polidano Brothers.

Kien hemm qbil li l-Kunsill iniżżel klawżola fit-Tender li l-Kunsill jista jaqsam ix-xogħol lill-kuntratturi diversi fuq xogħol ta' *patching* bil-*hot asphalt* u xogħol ta' p*atchin*g bil-*cold asphalt.*

Kien hemm qbil ukoll li l-Perit jintalab jgħati rapport sas-seduta li jmiss ta' kemm kejl ta' xogħol sar b'*patching hot* u cold f'din l-aħħar sena.

***28.7*** ***Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – It-tieni kwart***

28.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena li ħejja l-accountant tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva r-rapport biex jitqassam lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***28.8*** ***Sentenza tal-Bord tal-Appell – Cleaning and clearing of Non-urban roads.***

28.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza li l-Kunsill irċieva mill-Bord tal-Appel fir-rigward tat-tender imsemmija. **Dok 2.**
Hi nfurmat lill-Kunsill li meta staqsiet lill-istess Dipartiment kif il-Kunsill għandu jipproċedi, r-risposta kienet '*Il-bord ma jistax jidħol fi kwistjonijiet legali bejn il-partijiet u għalhekk ma jistax jagħti pariri kif il-partijiet għandhom jidderiġu ruħhom.*'**Dok 3**.

Hi nfurmat ukoll li llum il-Kunsill ġie mwissi perezz ta' ittra mill-avukat tal-kuntrattur Gaetano Galea, li sar appell ieħor quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv. **Dok 4**

Kien hemm qbil li l-każ għalissa jibqa imwaqqaf.

***28.9*** ***Sejħa għall-impjegat/a mal-Kunsill Lokali fuq skala 15***

28.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-2 ta' Lulju, 2014, l-iskrivana Moira Azzopardi tat ir-riżenja tagħha b'effett mill-1 ta' Awwissu, 2014, fuq ir-raġuni li l-ħinijiet tal-impjieg ma kinux kif tixtieq hi u minħabba li x-xogħol tagħha mhux 'challenging'. Is-Segretarju Eżekuttiv wara li kienet infurmat lill-Kunsill, talbet il-permessi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u tal-ETC biex jibda l-proċess ta' sejħa interna għall-impjegat/a ġdid. Dan il-permess ingħata u nbeda l-proċess.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fid-9 ta' Lulju, 2014, l-istess skrivana nfurmatha, li biddlet fehemtha u kienet lesta li tibqa taħdem mal-Kunsill taż-Żurrieq. **Dok 5**

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu, li l-Kunsill jirringrazzja lis-Sinjura Moira Azzopardi tas-servizz li tat fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u jaċċetta r-riżenja tagħha b'effett mill-1 ta' Awwissu, 2014.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tkompli bil-proċess ta' sejħa għall-post vakant mal-ETC.

28.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien laħaq xtara l-uniformi tas-Sinjura Moira Azzopardi. F'ċertu *items* kellhom isiru xi alterazzjonijiet li, għal dawn biss Moira Azzopardi aċċettat li tħallas. F'*items* oħra ser tintalab *credit note* biex il-Kunsill jużha f'uniformi oħra għall-impjegat/a ġdida.

***28.10*** **Attivitajiet tal-Orkestra tal-Kunsill**

28.10.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li kellu laqgħa maċ-Chairperson ta' Valletta 18 – is-Sur Jason Micallef, fejn issuġġerielu li l-Orkestra tal-Kunsill tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Valletta 18. Hu intalab jagħti stima tas-servizz tal-orkestra. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għandu jiddiskuti l-fatt mas-Surmast tal-Orkestra fejn tinħareġ stima tas-servizz u għall-ewwel attivita' li fiha ser tipparteċipa tali Orkestra, jiġi mistieden is-Sur Jason Micallef ħalli jkun jaf x'servizz tati. Kien hemm qbil fuq dan.

28.10.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-orkestra tal-Kunsill, għandha tagħmel tliet programmi f'sena li jkunu f'nofs Settembru, f' Diċembru u ieħor għall-ħabta ta' Mejju. Tali programmi ser ikollhom spiża ta' madwar €3,000 –il waħda.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa ukoll li jinxtraw 25 leġijju, stumenti żgħar u uniformi għall-bandisti.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***28.11*** **Vjal ix-Xarolla – Petizzjoni**

28.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellha fi Vjal ix-Xarolla ma' rappreżentanti ta' Transport Malta, ġiet infurmata li l-Kunsill għandu bżonn petizzjoni mir-residenti ta' Vjal ix-Xarolla fejn juru li jaqblu li tali triq issir 'one way', b'hekk il-Kunsill ikollu aktar saħħa fuq it-talba tiegħu.

Kien hemm qbil li tintbagħat ittra bieb bieb, fejn tinforma lir-residenti li min irid li tali triq jinbidlilha s-sistema tat-traffiku tagħha, jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill jiffirma petizzjoni.

F'dan il-ħin is-Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta (20:20)
Il-Viċi Sindku Rita Grima kompliet tippresjedi s-seduta minflokk is-Sindku.

***28.12 Gabbani tal-Festa***

28.12.1 Kien hemm qbil li :

- permess għall-gabbani ġodda ma jingħatawx.
- It-talba għall-permessi minn Chococafe biex jarma stand f'side road fi Vjal il-Blue Grotto ma jingħatax.
- It-talba għall-permess ta' imwejjed u siġġijiet lil sid ta' ħanut (Confectionery) fi Triq il-Kbira ma jingħatax minħabba l-marċ li jgħaddi mill-inħawi.
- Kien hemm qbil li jingħata permess lil Lentini Emanuele sid ta' rota tal-granita.

28.12.2 Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Pierre Farrugia, Kevin Sam Farrugia, David Abdilla u Rita Bellizzi jiltaqgħu bejniethom, fejn jitkellmu ukoll ma' rappreżentanti taż-żewġ festi tar-raħal biex ifasslu policy li għandu jimxi biha l-Kunsill fil-festi tas-sena d-dieħla.
Għandhom jiġu diskussi dawn il-punti fost oħrajn:

- Persuna ma jistax ikollha aktar minn permess għall-gabana waħda f'festa,
- ħadd ma jista jingħata permess u ma jarmax fil-festa li jkun ingħata l-permess.
- Il-postijiet jittellgħu bil-polza.
- Kull gabbana jkollha posta ta' 7 metri u mhux aktar
- Minn ma jżommx mal-permessi li jingħata ma jerġax jinħariġlu permess.

28.12.3 Kien hemm qbil li il-Kunsill jerġa jibgħat l-aħħar talba għal-laqgħa mas-Supretendent u l-ispettur tal-Pulizija taż-Żurrieq.

Kien hemm qbil li jekk sa ħmistax –il ġurnata minn meta terġa tintbagħat *reminder* oħra fuq din il-laqgħa, l-Kunsill ma jirċievi xejn, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat tinforma lill-Assistent Kummissarju, b'kopja lill-Ministru kkonċernat.

***28.13 Increment tal-Impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri***

28.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-impjegati msemmija waslu biex jieħdu l-aħħar increment fi skala 11. Kien hemm qbil unanimu li dan l-increment jittieħed, minħabba li x-xogħol qed isir kif mixtieq.

***28.14 Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

28.14.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima ssuġġeriet li ssir manutenzjoni lill-isprall li hemm fi Triq Rokku Buhagiar. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

28.14.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni fuq il-ħaxix ħażin li hemm f'Ħal Millieri. Minħabba li t-tender tat-tindif tat-Toroq mhux Urbani tinsab wieqfa l-Kunsill qed jinqeda bis-servizz tal-ħaddiema tal-IPSL biss għalissa.

28.14.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato informa lill-Kunsill li wara diversi laqgħat li kellu mad-Dipartiment tal-Artijiet, dan qabel li nofs biċċa art li hi propjeta tal-Gvern u li tinsab fl-akwata tal-Bebbux, tkun tista' tiġi delinejata għal użu ta' Social and Community Facilities għal ġid tal-komunita' tal-madwar. Issa sta għall-Mepa li tikkonferma dan fil-proċess li għaddej bħalissa tar-Rationalisation Development Boundaries Exercise.

28.14.4 Il-Kunsillier Raymond Grixti ħareġ mis-seduta f'dan il-ħin (21:00)

28.14.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li ssir tabella fl-entratura taż-Żurrieq li tindika l-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil li ssir l-ordni.

28.14.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-*contract manager* fuq ix-xogħol ta' ġonna u *soft areas,* jibda jintalab jagħmel rapport bil-miktub tax-xogħol li jkun sab fl-ispezzjonijiet li jagħmel.

Kien hemm qbil fuq dan.

28.14.7 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab li ssir refresh ta' *reserved parking* fi Triq Bronja. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

28.14.8 Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li jsiru żewġ bankijiet f'Misraħ il-Karmelitani u li ssir manutenzjoni ta' bank li hemm fil-bus shelter tal-istess misraħ.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

**28.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

28.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' **€57,220.60**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mil-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsilliera Kevin Sam Farrugia u Vincent Marmara.

| | | |
|---|---|---|
| Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2014 | **28.16** | **Data tas-seduta li jmiss.** |
| | 28.16.1 | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija. |

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**